

L-Unjoni Ewropea u l-Alġerija jadottaw il-prijoritajiet tagħhom tas-sħubija

L-UE u l-Alġerija adottaw il-prijoritajiet komuni tagħhom tas-sħubija fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tat-13 ta' Marzu 2017. Il-prijoritajiet tas-sħubija stabbilixxew qafas imġedded għal impenn politiku u kooperazzjoni msaħħa. Dawn kienu definiti permezz ta' qbil reċiproku fil-qafas tal-politika Ewropea tal-viċinat riveduta u l-istrategġija globali tal-UE dwar il-politika estera u ta' sigurtà.

Il-prijoritajiet tas-sħubija fil-qafas tar-relazzjonijiet UE-Alġerija sal-2020 huma dawn li ġejjin:

- id-djalogu politiku, il-governanza, l-istat tad-dritt u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali
- il-kooperazzjoni, l-iżvilupp soċjoekonomiku u l-kummerċ, inkluż l-aċċess għas-suq uniku Ewropew
- il-kwistjonijiet tal-enerġija, l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli
- id-djalogu strateġiku u dak dwar is-sigurtà
- id-dimensjoni umana, inkluż id-djalogu kulturali u interreliġjuż, il-migrazzjoni u l-mobbiltà

Uħud minn dawn il-prijoritajiet ser ikunu s-suġġett ta' kooperazzjoni teknika u finanzjarja li ser tiġi implimentata fil-qafas tal-ipprogrammar finanzjarju 2018-2020.

- [L-Alġerija u l-UE](#)
- [Shared Partnership Priorities of the People's Democratic Republic of Algeria \(Algeria\) and the European Union \(EU\) under the revised European Neighbourhood Policy \(ENP\)](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press